# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

It-Tlieta, 10 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 6.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Il-Viċi Sindku Abigail Micallef talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Wara li l-Kunsill ħareġ espressjoni ta’ interess għall-iSchool Grannies, ħadd ma wera nteress li japplika.

6.3.2 Ir-Reġjun t’Għawdex irrisponda għat-talba ta’ bozza ġdida fi Triq l-Għadira li kien għamel il-Kunsill u nfurmana illi r-Reġjun mhuwiex responsabbli biex jagħmel bozoz ġodda iżda huwa l-Kunsill li għandu jieħu ħsieb biex japplika. Ġie diskuss illi biex ma nidħlux fi spiża kbira ta’ bozza ġdida nagħmlu transfer ta’ bozza mis-Sqaq ta’ Pilatu għall-post fi Triq l-Għadira. Sar qbil li jsir hekk.

6.3.3 Tlabna lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar sabiex ningħataw presepju għal fuq iz-zuntier tal-Knisja.

6.3.4 Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta’ TM u l-KL Rabat dwar road hump li saret fi Triq il-Ħamimiet u saret ħażin ħafna u diversi nies qed jilmentaw illi qed jagħmlu ħsara fil-karozza tagħhom. TM ġibdu l-attenzjoni tal-KL Rabat sabiex titranġa għaliex ma saritx skond il-liġi.

6.3.5 Irċevejna talba għal sponsor mingħand Michelangelo and Friends. Din ġiet rifjutata peress li l-Kunsill ma jagħtix sponsors.

6.3.6 Is-SE ippreżentat il-kwotazzjoni l-ġdida għall-kiri ta’ photocopier. Sar qbil li niffirmaw kuntratt ġdid.

6.3.7 Is-Sindku semma x-xogħolijiet li applikajna għalihom permezz ta’ Ċirkulari SPI/SCI/04/2024 – Fond ta’ Manutenzjoni u sostenn ta’ proġetti Infrastrutturali. Permezz ta’ din l-iskema applikajna għall-manutenzjoni ta’ parti minn Triq Kerċem.
Is-Sindku qal li huwa talab laqgħa mas-Sindku tar-Rabat u filfatt iltaqa’ miegħu diġa’ u dan sabiex jiġi diskuss l-immaniġjar tat-traffiku fejn ir-roundabout fi Triq Wied il-Lunzjata. Wara diskussjoni bejniethom, huwa qal li tlabna laqgħa ma’ TM sabiex naraw x’jista’ jsir u jitneħħa l-periklu.

6.3.8 L-Għaqda Armar Madonna tas-Sokkors bagħtet email dwar l-armar tad-dawl tal-Milied għal żmien il-Milied 2024. Huma talbu Eur1,500 sabiex isir armar tal-Milied

fil-pjazzetta ta’ ħdejn il-Knisja u fi Triq l-Avukat A Calleja. Dan ix-xogħol ikun jinkludi l-provista tal-armar, xoghol ta' armar u żarmar (inkluż użu ta' inġenji), manutenzjoni u ħsarat fejn ikun hemm bżonn, kif ukoll il-konsum tad-dawl. Il-Kunsill qabel li jsir dan l-armar bil-prezz ta’ Eur1,500.

6.3.9 L-Ghaqda Armar Madonna tas-Sokkors talbu ukoll illi għall-iskema Christmas in Gozo ta’ din is-sena, il-Kunsill japplika għall-armar ta’ Pjazza Salvatore Busuttil fuq dawl dekorattiv u xbieha tan-Nativita’, armar ta’ diversi dwal dekorattivi li huma propjeta’ tal-Kunsill u jinħadmu linji ġodda ta’ wires sabiex jitferrxu u jintramaw mal-pjazzetta kollha. Dan ix-xogħol għall-ammont ta’ Eur2,000. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u ġie deċiż li japplika f’dan is-sens għal dawn il-fondi.

6.3.10 Is-SE ressqet Ċirkulari SPi/SCI/07/2024 – Servizz ta’ manutenzjoni f’binjiet pubbliċi, għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u kien interessat li japplika sabiex isir xi manutenzjoni ta’ żebgħa fil-Kunsill iżda ra illi l-fatt li jridu jsiru ħafna proċeduri bħal risk assessment, kwotazzjoni bil-Perit, eċċ, ser nispiċċaw nonfqu aktar flus fuq dawn ir-rapporti milli hemm bżonn ta’ xogħol u għalhekk iddeċieda li ma japplikax.

6.3.11 Il-KL rċieva ittra mingħand Anthony Cauchi, il-kuntrattur li qed jirrestawra l-magna tad-dris fejn qed jispjega għalfejn ma kienetx lesta fil-ħin din l-istess magna u qed jitlob aktar żmien. Il-KL ser jgħaddiha lil GAGF sabiex imexxuna huma dwar x’isir minn issa ‘l quddiem.

## 6.4 Milied 2024

Is-Sindku qal illi għal Christmas in Gozo ser napplikaw kif diġa’ ġie diskuss aktar kmieni f’din il-laqgħa.
Għall attivitajiet l-oħrajn tal-Milied, ser issir laqgħa mal-Għaqdiet fil-jiem li ġejjin sabiex naraw kif ser jitqassam ix-xogħol.

## 6.5 Symphony of Lights u Fjakkolata 2024

Is-Sindku qal li saru diskussjonijiet mas-Surmast tal-banda dwar il-mużika li ser tindaqq u anke ż-żfin li ser isir akkumpanjat mill-mużika. Tlabna l-kwotazzjonijiet għax-xogħolijiet li ser isiru. Dwar il-Fjakkolata din ser issir bħas-soltu u ser tkun bil-parteċipazzjoni ta’ Ta’ Verna Folk Group.

## 6.6 Ħaddiema tal- Community Workers Scheme

Is-Sindku qal li f’dawn l-aħħar xhur kellna problema bil-ħaddiema. Huwa qed ikollu ħafna tgergir minn nies li hawn il-ħmieġ, ħafna ħaxix u bużbież li jrid jinqata’, eċċ. Huwa qal li wasal iż-żmien li l-ħaddiema nagħmlulhom laqgħa mal-Kunsill kollu. Sar qbil li jsir hekk.

## 6.7 Ilmenti u Suġġerimenti

6.7.1 Il-Kunsill qabel illi l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerti li hemm għaddejjin bħalissa ser ikunu hekk:

- KCM/06/2024 – Tender for Supply and Delivery of a tent: Chairman – William Sultana, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, Daniel Galea, Ing Mario Cauchi, Segretarju tal-Bord – Marianne Sagona.
- KCM/07/2024 – Tender for Works – Embellishment of Public Space off Triq ta' Għar Ilma, Ta' Kerċem, Gozo: Chairman – William Sultana, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, Daniel Galea, Ing Mario Cauchi, Segretarju tal-Bord – Marianne Sagona.
- KCM/08/2024 – Tender for Supply, delivery and Installation of an Electronic Information Panel for Ta' Kercem LC: Chairman – William Sultana, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, Daniel Galea, Ing Mario Cauchi, Segretarju tal-Bord – Marianne Sagona.

6.7.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca qed għamel dawn it-talbiet:

- Illi l-Kunsill jestendi t-talba għat-triq tal-Għadira li hemm fil-ħsieb li ssir mill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar. Huwa qed jitlob illi nagħmlu talba illi x-xogħolijiet jibqgħu deħlin sal-parti ta' fejn tibda n-niżla. Kulħadd qabel ma' dan.
- Isiru żewġ bins fi Pjazza Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni sakemm insibu quddiem min inpoġġuhom.
- Issir bus stop ġdida fi Triq Qasam San Ġorġ fejn il-bitħa ta' Farsona. Ħadd ma sab oġġezzjoni u għalhekk ser napplikaw ma' TM.
- Isir bank fi Triq is-Summien. Ħadd ma sab oġġezzjoni sabiex ma jdejjaq lil ħadd.

6.7.3 Saret talba minn residenta fi Triq Għajn Tuta sabiex issir ħadida quddiem ir-residenza ta' ommha f'din l-istess triq sabiex l-anzjana jkollha ma xiex iżżomm hi u nieżla l-bankina.

6.7.4 Persuna qed tilmenta illi l-ħadid li hemm fi Triq Pejpu fuq il-wied qiegħed perikoluż għaliex il-ħadid qiegħed 'l bogħod minn xulxin. Il-Kunsill iddiskuta illi dak qiegħed hekk apposta minħabba l-ilma u ġie deċiż li jibqa' hekk.

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.15pm u ġiet aġġornata għat-8 ta’ Ottubru, 2024 fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv